

REGOLAMENT (UE) Nru 1341/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Diċembru 2011****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, fidawl tat-test kongiunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-31 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp għandha l-għan li tnaqqas u fl-aħħar mill-aħħar teqred il-faqar.
- (2) L-Unjoni, bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), hija impenjata li tissimplifika l-kummerċ fi strateġiji għall-iżvilupp u li tippromwovi l-kummerċ internazzjonali sabiex isir progress fl-iżvilupp u fit-tnaqqis, u fuq it-tul ta' żmien fil-qerda, tal-faqar madwar id-dinja kollha.
- (3) L-Unjoni ssostni l-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) fit-triq tagħhom lejn tnaqqis fil-livell ta' faqar u żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, u tagħraf l-importanza tas-setturi tagħhom tal-komoditajiet.
- (4) L-Unjoni hija impenjata li ssostni l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli. Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jesportaw il-banana jistgħu jħabbtu

wieċhom ma' sfidi fil-kuntest ta' arranġamenti tal-kummerċ li qiegħdin jinbidlu, notevolment il-liberalizzazzjoni tat-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Preferut (NAP) fil-qafas tal-WTO u tal-ftehimiet bilaterali jew reġjonali li ġew konklużi jew fil-proċess li jiġu konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi tal-Amerika Latina. Għalhekk, għandu jiżdied mar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, programm AKP dwar il-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-banana ("il-programm BAM").

- (5) Il-miżuri ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu adottati taħt il-programm BAM għandhom ikunu mmirati biex itejbu l-istandards tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nies fiż-żoni li jkabbru l-banana u fil-ktajjen tal-valur tal-banana, speċifikament tal-bdiewa ż-żgħar u tal-entitajiet iż-żgħar, kif ukoll biex jassiguraw il-konformità mal-istandards tax-xogħol u mal-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u mal-istandards ambjentali, notevolment ma' dawk li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-pestiċidi u mal-espożizzjoni għalihom. Dawk il-miżuri għandhom għalhekk jappoġġaw l-adattament u jinkludu, meta jkun rilevanti, l-organizzazzjoni mill-ġdid taż-żoni li jiddependu fuq l-esportazzjoni tal-banana lejn l-Unjoni Ewropea permezz ta' sostenn mill-baġit immirat lejn setturi speċifiċi jew interventi mmirati lejn proġetti partikolari. Il-miżuri għandhom jieħdu kont tal-iżvilupp mistenni tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana u jkunu mmirati biex jipprovdur politika soċjali dwar il-kapaċità ta' rkupru, diversifikazzjoni ekonomika jew investiment għat-titjib tal-kompetittività, fejn dan ikun vijabbli, filwaqt li jitqiesu r-riżultati u l-esperjenzi miksuba permezz tas-Sistema Speċjali ta' Assistenza (SSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2686/94 ⁽³⁾ u l-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 ⁽⁴⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/1999 ⁽⁵⁾. L-Unjoni tagħraf l-importanza tal-promozzjoni ta' tqassim aktar ekwu tad-dħul mill-banana.

- (6) Il-programm BAM għandu jakkumpanja l-proċess ta' adattament fil-pajjiżi tal-AKP li jesportaw volumi sinifikanti ta' banana lill-Unjoni f'dawn l-aħħar snin u li jistgħu jiġu affettwati mil-liberalizzazzjoni fil-qafas tal-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ fil-Banana ⁽⁶⁾ jew mill-ftehimiet bilaterali jew reġjonali konklużi jew li qed jiġu konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi tal-Amerika Latina. Il-programm jibni fuq il-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010 (ĠU C 7 E, 12.1.2011, p. 17). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Ir-Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011.

⁽²⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 286, 5.11.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 190, 23.7.1999, p. 14.

⁽⁶⁾ ĠU L 141, 9.6.2010, p. 3.

tal-AKP. Il-programm BAM huwa konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni fil-qafas tal-WTO u jiffoka fuq ir-ristrutturazzjoni u t-titjib tal-kompetittività u b'hekk huwa ta' xorta temporanja, b'tul ta' tliet snin (2011-2013).

- (7) Il-konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2010 bl-isem "Rapport Biennali dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-Fornituri Tradizzjonali tal-Banana mill-pajjiżi tal-AKP" jindikaw li l-programmi ta' assistenza li saru fl-imgħoddi taw kontribut sostanzjali fil-kisba ta' titjib fil-kapaċità għal diversifikazzjoni ekonomika ta' suċċess, minkejja illi l-impatt sħiħ għadu ma jistax ikun ikkwantifikat u s-sostenibilità tal-esportazzjonijiet tal-banana tal-AKP għadha fraġli.
- (8) Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-programm tal-QSA imma ma għamlitx valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' akkumpanjament fis-settur tal-banana.
- (9) Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinament kif suppost ta' dan il-programm mal-programmi indikattivi reġjonali u nazzjonali li joperaw fil-pajjiżi benefiċjarji, b'mod partikulari fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi ekonomiċi, agrikulturali, soċjali u ambjentali.
- (10) Kważi 2 % tal-kummerċ dinji tal-banana ġie ċċertifikat mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-kummerċ ekwitabbli. Il-prezzijiet minimi tal-kummerċ ekwitabbli ġew iffissati fuq il-bażi tal-kalkolu tal-"ispejjeż sostenibbli tal-produzzjoni", stabbiliti wara konsultazzjoni mal-partijiet involuti bil-għan li jiġu internalizzati l-ispejjeż biex isiru konformi ma' standards soċjali u ambjentali diċenti u biex isir profitt raġonevoli li bis-saħħa tiegħu l-produtturi jkunu jistgħu jinvestu fl-istabilità ta' xogħolhom fuq tul ta' żmien twil.
- (11) Biex jiġi evitat l-isfruttar tal-ħaddiema lokali, il-katina tal-produzzjoni tas-settur tal-banana għandha ssegwi distri-buzzjoni ekwitabbli tad-dħul iġġenerat mis-settur.
- (12) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-assistenza mill-Unjoni

B'mod konsistenti mal-fini, l-ambitu u l-għanijiet globali u mal-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi ġeografiċi u tematiċi stipulati fl-Artikoli 5 sa 16 u fil-programmi stipulati fl-Artikolu 17 u 17a.;

- (2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 17a

Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jfornu l-banana

1. Il-pajjiżi tal-AKP li jfornu l-banana elenkati fl-Anness IIIa għandhom jibbenefikaw mill-programm ta' miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-banana ("il-programm BAM").

- (a) Għanijiet ġenerali:

L-assistenza tal-Unjoni għandu jkollha l-għan li:

- (i) issostni l-proċess ta' aġġustament wara l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-banana tal-Unjoni fil-qafas tal-WTO;
- (ii) tiġġieled il-faqar billi ttejjeb l-istandards u l-kondizzjonijiet ta' għajxien tal-bdiewa u l-persuni kkonċernati.

- (b) Prijoritajiet ġenerali:

L-assistenza mill-Unjoni għandha tqis il-politika u l-istrateġiji ta' adattament tal-pajjiżi, kif ukoll tal-ambjent reġjonali tagħhom (f'termini tal-qrubija lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej) u għandha tiffoka fuq waħda jew aktar mill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

- (i) li jiġu indirizzati impatti usa' ġġenerati mill-proċess ta' adattament, b'mod partikolari f'komunitajiet lokali u l-aktar gruppi vulnerabbli f'ihom, relatati mal-impjieg u s-servizzi soċjali, mal-użu tal-art u r-restawr ambjentali, iżda mhux ristretti għalihom biss;
- (ii) il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika fiż-żoni dipendenti mill-banana, meta strateġija bħal din tkun vijabbli;
- (iii) it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana, fejn dan huwa sostenibbli, b'konsiderazzjoni għas-sitwazzjoni tal-partijiet interessati differenti fil-katina.

Il-programmi għandhom jippromwovu l-konformità mal-istandards tax-xogħol u tas-sigurtà, kif ukoll mal-istandards ambjentali, inkluż l-użu tal-pestiċidi u l-esportazzjoni għalihom.

- (c) Riżultati ġenerali mistennija:

Ir-riżultati tal-assistenza għandhom ikunu konformi mal-għanijiet kif stabbiliti fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu. B'mod partikolari, u f'kooperazzjoni mal-pajjiżi benefiċjarji, l-assistenza tal-Unjoni għandha tfittex li jinkisbu riżultati f'oqsma soċjali, ambjentali u ekonomiċi.

2. Fi ħdan l-ammont imsemmi fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tfassal l-ammont indikattiv massimu disponibbli għal kull pajjiż eliġibbli tal-AKP li jforni l-banana skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) Il-livell tal-kummerċ fil-banana mal-Unjoni, fejn importazzjonijiet ogħla tal-Unjoni mill-pajjiż tal-AKP ikkonċernat jirriflettu b'mod pożittiv fuq l-allokazzjoni. Dan il-kriterju huwa bbażat fuq id-daqs tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana mal-Unjoni fil-pajjiżi differenti. Titqies il-medja tal-ogħla tliet tunnellaġġi ta' banana importati mill-Unjoni minn kull pajjiż benefiċjarju eliġibbli matul l-aħħar ħames snin qabel l-2010;
- (b) L-importanza tal-esportazzjoni tal-banana lejn l-Unjoni fl-ekonomija, fejn il-livelli ogħla ta' importanza fil-pajjiż tal-AKP ikkonċernat jirriflettu b'mod pożittiv fuq l-allokazzjoni. Il-kriterju jitkejjel billi l-valur tal-importazzjoni tal-banana mill-Unjoni minn kull pajjiż benefiċjarju eliġibbli jittieħed bħala perċentwal tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) matul l-aħħar tliet snin qabel l-2010 li għalihom id-data hi disponibbli;
- (c) Il-livell ta' żvilupp, li bih livelli aktar baxxi ta' żvilupp kif irrekordjati fl-Indiċi ta' Żvilupp Uman tan-NU (HDI) fil-pajjiż tal-AKP ikkonċernat jirriflettu b'mod pożittiv fuq l-allokazzjoni. Dan il-kriterju jitkejjel mill-medja tal-HDI matul il-perijodu 2005-2007, li għaliha ntużat l-istess metodoloġija min-NU.

Il-kejl tal-kriterji tal-allokazzjoni għandu jkun ibbażat fuq data rappreżentattiva minn qabel l-2011 u jkopri perijodu mhux itwal minn ħames snin. L-allokazzjonijiet indikattivi tal-pajjiżi iquis bl-istess mod it-tliet kriterji fil-pajjiżi kollha benefiċjarji eliġibbli.

Abbażi tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu intenzjonat tal-allokazzjoni finanzjarja indikattiva msemmija fl-Anness IV qabel l-adozzjoni ta' strateġiji ta' sostenn pluriennali msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dik l-informazzjoni tistabbilixxi, għal kull pajjiż eliġibbli tal-AKP li jforni l-banana, l-ammont indikattiv disponibbli.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta strateġiji ta' sostenn pluriennali permezz ta' analoġija għall-Artikolu 19, u f'konformità mal-Artikolu 21. Għandha tiżgura li tali strateġiji jikkumplimentaw id-dokumenti ġeografiċi strateġiċi tal-pajjiżi kkonċernati, u n-natura temporanja tal-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-esportazzjoni tal-banana.

L-istrateġiji ta' sostenn pluriennali għall-miżuri ta' akkumpanjament fis-settur tal-banana għandhom jinkludu:

- (a) profil ambjentali aġġornat li jagħti attenzjoni xierqa lis-settur tal-banana tal-pajjiż, inter alia ffukat fuq il-pestiċidi;

- (b) tagħrif dwar il-kisbiet tal-programmi ta' assistenza li saru fl-imgħoddi favur is-settur tal-banana;
- (c) indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress f'dak li għandu x'jaqşam mal-kundizzjonijiet għall-iżburżar, meta jintgħażel l-appoġġ baġitarju bħala l-forma ta' finanzjament;
- (d) ir-riżultati mistennija tal-ġhajnuna;
- (e) kalendarju tal-attivitajiet ta' sostenn u tal-iżburżar mistenni;
- (f) il-modi kif jista' jinkiseb u jiġi kkontrollat il-progress fl-ilħuq tal-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO miftiehma fuq livell internazzjonali u l-konvenzjonijiet xierqa fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll mal-istandards ambjentali rilevanti ewlenin miftiehma fuq livell internazzjonali.

Fil-qafas tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-2007-2013, stabbilit bil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixpijla baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (*), għandha ssir valutazzjoni tal-programm BAM u tal-progress tal-pajjiżi kkonċernati li għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe miżura li għandha tittieħed u x-xorta tagħha.

(*) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.”;

- (3) l-Artikolu 21 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 21

L-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija u tal-programmi indikattivi pluriennali

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 19 u 20, u kwalunkwe revizzjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 20(1), kif ukoll miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 17 u 17a rispettivament, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).”;

- (4) L-Artikolu 29(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-impenji baġitarji għandhom isiru fuq il-bażi ta' deċizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikoli 17a (3), 22(1), 23(1) u 26(1).”;

- (5) Fl-Artikolu 31(1), it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Il-parteċipazzjoni fl-ġhoti ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' ġhotja ffinanzjati minn programm tematiku kif definit fl-Artikoli 11 sa 16, u l-programmi stabbiliti fl-Artikoli 17 u 17a, għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi

kollha li huma ċittadini ta' pajjiż li qiegħed jiżviluppa jew għall-persuni legali li huma stabbiliti fih, kif speċifikat mill-OECD/DAC u fl-Anness II, flimkien ma' persuni fiżiċi jew legali eliġibbli permezz tal-programm tematiku jew il-programmi stipulati fl-Artikoli 17 u 17a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-Anness II f'konformità mar-reviżjonijiet regolari tal-lista tar-riċevituri ta' għajjnuna tal-OECD/DAC, u għandha tgħarraf lill-Kunsill b'dan.”;

(6) Fl-Artikolu 38, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul il-perjodu 2007-2013 huwa EUR 17 087 000 000.

2. L-ammonti indikattivi allokat i għal kull programm imsemmi fl-Artikoli 5 sa 10 u 11 sa 16 u 17 sa 17a huma stabbiliti fl-Anness IV. Dawn l-ammonti ġew stabbiliti għall-perjodu 2007-2013.”;

(7) Għandu jiddaħħal l-Anness IIIa, kif jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness IV huwa sostitwit bil-kontenut tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, it-13 ta' Diċembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BUZEK

Għall-Kunsill

Il-President

M. SZPUNAR

*ANNEX I**“ANNEX IIIa***IL-PAJJIŻI PRINĊIPALI TAL-AKP LI JFORNU L-BANANA**

1. Beliże
 2. Kamerun
 3. Côte d'Ivoire
 4. Dominika
 5. Repubblika Dominikana
 6. Gana
 7. Ġamajka
 8. Santa Luċija
 9. St. Vincent u l-Grenadines
 10. Is-Surinam”.
-

ANNEX II

"ANNEX IV

ALLOKAZZJONIJIET FINANZJARJI INDIKATTIVI GĦALL-PERJODU 2007-2013

(f'miljuni ta' EUR)

Total	17 087
Programmi ġeografiċi:	10 057
Amerika Latina	2 690
l-Asja	5 187
Asja Ċentrali	719
Il-Lvant Nofsani	481
l-Afrika t'Isfel	980
Programmi tematiċi:	5 596
Investiment fin-nies	1 060
Ambjent u ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali	804
Atturi mhux Statali u l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp	1 639
Sigurtà tal-provvista tal-ikel	1 709
Migrazzjoni u asil	384
Il-pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor tal-AKP:	1 244
Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jforu l-banana	190"

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PROGRAMM TAL-MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT TAS-SETTUR TAL-BANANA (BAM) FL-ISTRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (DCI)

Fil-każ speċifiku tal-Miżuri ta' Akkumpanjament tas-settur tal-Banana (BAM) u fil-perspettiva tal-loġika u l-oġettivi tal-programm kif stabbilit fl-Artikolu 17a tal-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li, fid-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet indikattivi skont il-pajjiż, hija ser tapplika metodoloġija b'mod oġettiv u uniformi li tiegħu kont tal-importanza tas-settur tal-banana u tar-realtajiet ekonomiċi u ta' żvilupp ta' kull pajjiż benefiċjarju eliġibbli.

Il-Kummissjoni tiddikjara li biħsiebha tapplika metodoloġija li tagħti bejn wiehded u ieħor l-istess importanza lill-ewwel żewġ kriterji, filwaqt li t-tielet kriterju għandu jintuża bħala koeffiċjent tal-iżvilupp. L-oġettiv ta' din il-metodoloġija huwa li tingħata importanza ekwivalenti fil-pajjiżi benefiċjarji kollha għal-livell tagħhom ta' kummerċ tal-banana mal-Unjoni Ewropea u l-importanza tal-esportazzjonijiet tal-banana lejn l-Unjoni għall-ekonomija ta' kull pajjiż benefiċjarju. il-livell ta' kummerċ tal-banana mal-Unjoni Ewropea u l-importanza tal-esportazzjonijiet tal-banana lejn l-Unjoni fl-ekonomija ta' kull pajjiż benefiċjarju. Il-livell ta' żvilupp relattiv għandu jservi ta' bażi għall-allokazzjonijiet favur pajjiżi b'livelli ta' żvilupp aktar baxxi, konformement mal-oġettivi ta' żvilupp tal-Unjoni kif stabbiliti fit-Trattati u d-DCI.

DIKJARAZZJONI MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL DWAR L-UŻU TAL-ATTI DELEGATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (MFF) FUTUR GĦALL-2014-2020

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-istrateġija Ewropa 2020" (COM (2011) 500 ⁽¹⁾), b'mod partikolari fir-rigward tal-użu propost tal-atti delegati fl-istrumenti futuri ta' finanzjament estern u jistennu il-proposti leġiżlattivi, li għandhom ikunu debitament ikkunsidrati.

⁽¹⁾ Fil-Komunikazzjoni intitolata "Baġit għall-istrateġija Ewropa 2020" (COM (2011) 500), il-Kummissjoni tiddikjara li: "Barra minn hekk, il-bażijiet legali futuri għall-istrumenti differenti se jipproponu l-użu estensiv ta' atti delegati biex jippermettu li jkun hemm aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-politiki matul il-perjodu ta' finanzjament, filwaqt li jiġu rrispettati l-prerogattivi taż-żewġ ferġat tal-leġiżlatur."

kif ukoll

"Qiegħed jitqies biex jiżdied l-iskrutinju demokratiku tal-għajnuna esterna. Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għal ċerti aspetti tal-programm, mhux biss jitpoġġew il-koleġislaturi fuq livell ekwu iżda tiġi ggarantita wkoll aktar flessibbiltà fl-ipprogrammar. Għall-FEŻ, qiegħed jiġi propost li l-iskrutinju jinġab fuq l-istess livell mad-DCI, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet ta' dan l-istrument."